***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 03**

**It-Tlieta 20 ta' Awwissu 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Errol Cutajar - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**3.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**3.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dr. Errol Cutajar.

**3.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 2 tal-10 ta' Lulju 2019:</u>***

**3.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi paġna 6 paragrafu 2.3.10 is-sitt paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi min fejn jinżlu in-nies għal bajja tajjeb isir taraġ ħdejn il-Pillbox għal isfel għaliex kif inhu qed jiżolqu in-nies.*

**3.2.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi paġna 6 paragrafu 2.3.11 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Is-Sindku qal illi l-Kleru, il-kumitat tal-armar kif ukoll is-Soċjeta mużikali Sant'Anna kollha qablu illi mhux ser jintużaw aktar bżieżaq bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet iżda kompla jgħid illi għaddilu minn widnejh illi hemm xi nies li ma qablux ma dan u ser jużaw bżieżaq biodegradable minkejja l-fatt li xorta jagħmlu l-ħsara. Huwa żied jgħid illi din għad mhijiex liġi allura l-awtorita ma tista` twaqqaf lill ħadd.*

***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ppropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emendati u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**3.2.3** Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri staqsa fuq paġna 8 paragrafu 2.5.3 rigward l-aġġudikazzjoni tat-tender tal-iskart fir-rigward tal-*low emission vehicles* u staqsa x'għandu f'moħħu l-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi fl-offerta talab illi l-vetturi jkunu Euro V jew aħjar u qal illi fl-offerta dan l-offerent tefa il-kopja tal-*log book* kif kien mitlub. Huwa kompla jispjega illi fit-28 ta' Awwissu ser issir laqgħa ġewwa l-Kunsill tal-Fgura min-naħa tad-Dipartiment rigward il-*contracts manager*.

**3.2.4** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq paġna 10 paragrafu 2.9.1 rigward il-mozzjoni li tressqet fuq il-karavans.

Hija spjegat illi minn informazzjoni li ġabet għandu jkolla konferma bil-miktub illi t-triq tal-Bajja ta' San Tumas fejn hemm il-karavans kienet tal-privat iżda l-gvern għamel *requisition order* tal-art u issa saret pubblika.

Is-Sindku qal illi jekk hu hekk ikun tant aħjar għall-bye law introdotta.

Hija qalet ukoll illi hemm art privata li hemm xi karavans fiha ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser nniddiskutu l-*bye law* fuq din il-materija iktar tard f'din il-laqgħa. Huwa qal illi fejn tidħol art privata l-Kunsill ma jistax japplika l-*bye law*.

**<u>3.3</u>** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**3.3.1** **<u>Petizzjoni minn residenti fil-bungalow area (35/3641/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi rċevejna petizzjoni minn xi residenti tal-villel kontra diskussjonijiet li qed jsiru sabiex l-*area* tal-villel tinbidel fi stabbilimenti kummerċjali u *high rise developments*.

Kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsilliera Dr Patrick Camilleri, l-Kunsilliera Mary Rose Mifsud u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon illi din l-area għanda tibqa villa area u ma tinbidielx u jaqblu illi għandna niktbu lil PA.

Is-Sindku qal illi la għad m'hemmx applikazzjoni ma tagħmilx sens illi niktbu lil PA.

Is-Sindku qal illi la l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri għadu ma daħalx għal laqgħa għandna nistennew sakemm jkun preżenti ħalli niddiskutuwa fil-preżenza tiegħu ukoll.

**3.3.2** **<u>Query Personal Information:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera preżenti illi d-Dipartiment talab il-kunsess tal-Kunsilliera sabiex l-informazzjoni tagħhom jkun jista jgħaddija lis-Segretarjat għall-gvern lokali u komunitajiet. Huwa qal illi għalkemm konna diġa bgħatnilhom imelj lill Kunsilliera għall approvazzjoni kien hemm minn kien għadu ma irrispondiex.

Il-Kunsilliera preżenti qablu li jgħatu l-kunses tagħhom.

**3.3.3** Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal illi peress li hemm kampanja tad-*digital awarness* flimkien mal-MITA talbu lis-Sur Mario Fava sabiex tintbagħat imejl lill-Kunsilli Lokali kollha ħalli jippublikawa fuq il-midja soċjali tagħhom.

**3.4** ***<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**3.5** ***<u>Rapporti:</u>***

3.5.1 **<u>Business Plan 2019-2024:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi għal-ewwel darba il-business plan qed jsir fuq ħames snin u qal illi d-Dipartiment għadu ma iffinaliżżax it-*template* u għaldaqstant ċertu figuri qedgħin miktubin bl-idejn. Huwa kompla jgħid li kif appena jkollna t-*tempalte* finalizzata nerġgħu nibgħatuh lil kullħadd.

3.5.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-Kunsill ser jkollu jimplimenta ħafna proġetti li kienu diġa deċiżi fil-Kunsill preċedenti.

3.5.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-budget tas-sena 2022 taħt *hospitality* hemm ibbuġitjat l-proġett tal-AGM li ser jsir Malta iżda ma daħħalniex il-fondi li l-Kunsill probabli jdaħħal lura .

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għal laqgħa fis-6.50pm</u>**

3.5.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsillier illi iktar tard fis-seduta ser jiddiskuti l-approvazzjoni tat-*tender* tas-tisbieħ ta' ġnien Sant'Anna fejn spjega illi l-ewwel ħrieġna sejħa u kien hemm offerent wieħed illi l-offerta tiegħu kienet għolja ħafna u l-Kunsill iddeċieda li jerġa joħroġ offerta oħra. Huwa spjega illi għat-tieni offerta kien reġa issottommetta l-offerta l-istess offerent tal-ewwel offerta iżda xorta kienet għolja u l-Kunsill talbu għad-discount li huwa kien bagħat, pero` l-offerta xorta kienet baqgħet għolja.

Huwa kompla jispjega illi għal dan il-proġett il-Kunsill kien ser jdaħħal grant ta' €57,870. Huwa qal illi jekk il-Kunsill ser jiddeċiedi illi dan il-proġett ma jidħolx għalih minħabba li huwa għoli u li peress li ser jibda l-bini tal-Kunsill jekk jgħaddi xi makkinarju ser jgħamel il-ħsara, allura dan l-ammont irid jitnaqqas mil-*business plan*.

Il-Kunsill iddeċieda li dan il-proġett għandu jaqa u l-Kunsill ma jerġux japplika għalih is-sena d-dieħla

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipproopona l-approvazzjoni tal-business plan kif emendat u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud issekondat.***

**3.5.2** **Aġġudikazzjoni tal-offerta KLM 2019/07 Tender for the provision and planting of trees and plants in Marsaskala using environmentally firendly practives as part of the urban greening project 2019:**

| Tender ID | Name of Tenderer | Fiancial Bid Excl. Vat € |
|---|---|---|
| 116116 | Xerri's Landscaping Co. ltd | €25,032.45 |

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*evaluation report* fejn il-bord wara li evalwa l-offerti kollha kien qed jirrakkomanda lil Xerri's Landscaping Ltd għaliex huwa *adminsitrative, technical and financial compliant*.

***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ipproponiet l-aġġudikazzjoni ta' l-offerta KLM 2019/07 lil Xerri's Landscaping Co. Ltd u l-Kunsilliera s-Sinjura Mary Rose Mifsud issekondat.***

**3.5.5** **Aġġudikazzjoni tal-offerta KLM 2019/01R Works for the upgrading of St Anne's Garden, Marsaskala in an environmentally friendly matter.**

| Tender ID | Name of Tenderer | Fiancial Bid Excl. Vat € |
|---|---|---|
| 115015 | Bava Holdings Ltd | €155,025.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv kif diġa spjega f'punt 3.5.1.4 qal illi il-bord kien talab għal discount u l-offerent kien bagħtilna prezz rivedut bid-*discount* li ġie jammonta għal €149,659.39 exc vat. Huwa kompla jispjega illi l-prezz il-ġdid xorta kien jeċċedini b'mod sostanzjali l-estimated budget.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi il-bord qed jirrakomanda din l-offerta minħabba il-fatt biss li dan l-offerrent huwa *adminsitrative, technical u financial compliant* u deċiżjoni rigward il-finanzi hija finalment tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tiġi ikkanċellata għaliex din l-offerta *hija over l-estimated budget* u anke minħabba li ser jinbena l-Kunsill u jista jsir xi ħsara minħabba li jridu jgħaddu l-makkinarju.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ipproponiet illi din l-offerta ma tiġix aġġudikata ikkanċellata u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri ssekonda.***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi fi Ġnien Sant'Anna ma kienx qed jsir *maintenance* kif suppost minħabba li kien hemm il-ħsieb li jinbidel id-dawl u issi peress li din l-offerta ser tiġi ikkanċellata allura hemm bżonn li jsir il-manutenzjoni neċessarja.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri staqsa kif nistgħu nimpruvjaw id-dawl biex innaqsu l-*carbon footprint*. Huwa issuġerixxa illi ċertu dawl isiru bis-*sensors* u jixgħel meta jgħaddi xi ħadd.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi jibża jekk jkun hemm xi ħsara u dawl ma jixgħelx u jinqala xi inċident nkunu responsabbli.

- Is-Sindku qal illi ħarġu l-permessi rigward il-bini tal-Għassa tal-Puluzija.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi huwa qatt ma qabel illi l-għassa issir ħdejn l-iskola għaliex mhux aċċessibli għal-anzjani jew persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sindku qal illi l-Puluzija kienu ilhom jippruvaw għal ħafna żmien isibu post alternattiv iżda qatt ma sabu. Huwa qal illi jekk jitilgħu minn Triq il-Bajja ma jkunx hemm għalfejn jitilgħu mit-telgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għalkemm hemm bżonn ta għassa temmeen illi l-post allokat mhux addattat.

3.3.1 **<u>Petizzjoni min resdienti fil-bungalow area (35/3641/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa qajjem din il-korrispondenza peress li kien preżenti il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri fejn spjega illi rċevejna petizzjoni mingħand xi residenti li joqgħodu fil-villel sabiex il-villa *area* tibqa villa *area* u peress li jinsabu kkonċernati dwar il-possibilta` li jsiru bidliet minn villel għal stabilimenti kummerċjali jew *high rise building.*

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi min informazzjoni li kisbet huwa li fuq l-art tal-villel kien hemm cens privat u minn jiġbor iċ-ċens miet u l-werrita tiegħu kienu biegħu ċ-ċens lil kumpanija privata tal-iżvilupatturi.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa illi il-villa *area* għandha tibqa villa area.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ipproponiet illi l-villa *area* tibqa villa *area* filwaqt illi il-Kunsillier is-Sur John B. Camiller issekondaha. Din għanda tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill.

Din il-mozzjoni għaddiet għal-votazzjoni li taqra kif ġej:

7 Favur: Is-Sindku, il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon, il-Kunsillier john B. Camilleri, il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri, il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli.

1 Kontra : Il-Kunsillier il-Perit John Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet favur li tibqa villa area u għandaqstant għandha tintbagħat ittra lic-Chairman tal-PA, lil Ministru u anke lir-resident responsabilli minn din il-petizzjoni.

**3.6** ***<u>Items oħra</u>*** **<u>ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

**3.7** **<u>Korrispondenza:</u>**

**3.7.1** **<u>Użu tal-Parkeġġ tal-iskola għar-residenti (35/3525/19/I):</u>**

**3.7.1** Is-Sindku informa lil Kunsilliera bil-laqgħa li saret mal-Kap tal-iskola il-ġdida Primarja ta' Triq il-Lampuka flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud rigward il-parkeġġ għal użu tar-residenti wara il-ħin tal-iskola.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal illi huwa ma kienx jaf biha din il-laqgħa u kien japprezza illi jkun infurmat darb'oħra.

Is-Sindku wieġbu illi huwa ma kienx qallu peress li l-iskola primarja taqa taħt ir-responsabilta` tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, pero` assigurah illi darb oħra jinfurmah.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal li huwa ma jaqbilx illi l-parkeġġ tal-iskola jinfetah għar-residenti wara il-ħin tal-iskola għaliex jekk ikun hemm abbużi l-għalliema mhux ser jsibu fejn jipparkjaw u finalment ser ibagħtu t-tfal. Huwa kompla jgħid jekk din id-deċiżjoni kienet ittieħdet fil-leġislatura ta' qabel u allura l-parkeġġ ser jkun miftuħ għar-residenti huwa tal-opinjoni illi jekk jkun hemm xi abbużi l-ewwel tiġi klempjata il-karozza u wara tiġi ittowjata.

Is-Sindku qal illi jekk ikun hemm xi abbuż li xi ħadd ma jneħħix il-karozza mil-parkeġġ wara l-ħin stipolat mill-iskola allura jew l-iskola jew il-Kunsill jċempel TMalta sabiex jiġu u jittowjaw il-karozza. Dan dejjem bi qbil ma' Transport Malta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ser jkunu piż fuq ir-riżorsi tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa min ser jkun responsabbli jekk jinqala xi nċident fil-parkeġġ.

Is-Sindku wieġbu illi l-iskola u l-individwu li jikkaġuna l-ħsara għaliex il-parkeġġ ser jkun mgħammar b'sistema ta' CCTV Cameras.

Id-diskussjoni kompliet bejn il-Kunsilliera fejn tkellmu fuq ħafna fatturi differenti u peress li għad ma nafux minn x'ħin sa x'ħin.

Il-Kunsill iddeċieda illi nistennew ħalli naraw minn x'ħin sa x'ħin ser jkun disponibbli l-parkeġġ u ninfurmaw lil iskola sabiex jsiru t-tabelli tal-*clamping u towing*.

- ***Is-Sindku qal illi r-responsabilta tal-Edukazzjoni ser jkun maqsum bejn il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri u jridu jikkordinaw bejniethom***

  ***Il-Kunsill qabel unanimament illi mar-responsabilta tal-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri jkun hemm ukoll il-osservazzjoni tal-Family Park. Prattikament xogħlu jkun biss li jirraporta lill-Wasteserv.***

**3.7.2** **<u>Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.(35/3526/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa il-Kunsilliera illi il-liġi inbidlet u l-Kunsill jista jaħtar Deputat Segretarju mill-istaff tal-Kunsill li hija minn skala 11 il-fuq.

Is-Segretarju Eżekuttiv innomina lis-Sinjura Lucille Bonnici

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Is-Sinjura Lucille Bonnici aċċettat l-kariga ta' Deputat Segretarju.

**3.7.3** **<u>Problema fuq parti minn bankina fi Triq il-Gross.CM1534/19 (35/3312/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi rċevejna din l-ittra peress li resident għamel il-bankina ta quddiem il-garaxx tiegħu mhux bl-istess għoli tal-kumplament tal-bankina u mhux qeda kif suppost.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsillier il-Perit Schembri jmur fuq il-post ħalli jagħmel rapport ta' kif tista tissolva din il-problema.

**3.7.4** **<u>Żbir ta' Palm fi Triq is-Salini:</u>**

Is-Sindku qal illi l-persuna li żabar il-palm fi Triq is-Salini ġab il-kont imma ħa żball fih u kellhu jġib kont ieħor. Huwa qal illi l-kont ser jkun €5900 eskluż il-vat. Huwa kompla jgħid li għad fadal xi palm x'jinżabar u parti ħa titħallas mil-MTA u aħna bħala Kunsill nerġgħu nonfqu bl-ammont ta' €5900 eskluz il-vat.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk ġibniex xi kwotazzjonijiet oħra.

Is-Sindku wieġbu li ma ġibniex u qal ukoll li dan huwa l-istess persuna li ġie mqbbad mill-MTA.

Il-Kunsill qabel li nġibu tlett kwotazzjonijiet.

**3.7.5** **<u>Klejm mingħand persuna li ġarbet ħsara fil-karozza Volgswagen Bora:</u>**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera bil-klejm ta' persuna li ġarbet ħsara fil-vettura tiegħu fi Triq La Sengle fl-aħħar parti. Huwa qal illi l-ammont tal-ħsara jammonta għal €673.10.

Il-Kunsill jaqbel illi jingħata 70% tal-ħsara li jammonta għal €471.17

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud staqsiet jekk ġabx tlett kwotazzjonijiet mingħand *mechanics* differenti.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill s'issa dejjem ipproċeda fuq stima waħda.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mfisud qalet biex nibdew nitolbu illi jġibu tlett kwotazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**3.7.6 Abbozz ta' Byelaw rigward il-problema ta' caravans fil-Bajja ta' San Tumas:**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi kien jaħdem flimkien mal-Avukat tal-Kunsill sabiex noħorġu bye law fuq campers, karavans, gazebo u kampijiet.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal li għandha niproteġu s-*salt pans* ukoll ħalli ħadd ma jgħaddi minn fuqhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara iż-żewġ Byelaws dwar Caravans u l-oħra dwar karrijiet u affarijiet ta' ngombru.

Il-Kunsill qabel dwar dan

**3.7.7 Ħatra ta' Data Protection Officer:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jrid jiħtar *data protection officer* u ppreżenta kwotazzjoni ta' persuna waħda.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niksbu tlett kwotazzjonijiet.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ħareġ mil-laqgħa fid-8.40pm***

**3.7.8 Żjara minn delegazzjoni Ċiniża f'Marsaskala (35/3212/19/I):**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi f'Ottubru ġejja delegazzjoni Ċiniża.

**3.7.9 Fondi allokati mil-LESA lil Kunsill Lokali ta' Marsaskala (35/3212/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fond mill-Lesa ta' €7667.21 għas-sena 2017 illi l-Kunsill ser jirċievi u staqsa lil-Kunsilliera xi proġett jew attivijiet jridu li ssir.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsir *Christmas Village* bħala post ser jiġi ikkonfermat iktar il-quddiem.

**3.7.10 Petizzjoni minn residenti dwar Żonqor Playingfield- Wesgħa Krejattiva Alfred Debono(35/3079/19/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irċevejna petizzjoni mingħand ir-resdienti li joqgħodu ħdejn Wesgħa Krejattiva Alfred Debono sabiex din il-*playingfield* tingħalaq matul il-lejl.

Is-Sindku qal illi tkellem ma resident li kien wara l-peritzzjoni u fuq dan l-ilment u nstabet soluzzjoni għaldaqstant dan il-komunikat qed jiġi irtirat.

**3.7.11 Korrispondenza minn Infrastructure Malta dwar xogħolijiet li se jibdew fuq mollijiet (35/3006/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jibda x-xogħol fuq żewġ mollijiet ta' Triq iż-Żonqor.

Is-Sindku qal li kien tkellem mal-Perit Bonanno minn Infrastrucure Malta u ftehmu sabiex ix-ogħol jibda wara l-attivita' tal-Karnival Sajf.

**3.7.12** **Korrispondenza mingħand l-Avukat M Mifsud dwar vettura li ġiet ittowjata mill-Kunsill (35/3049/19/I):**

Is-Sindku qal illi wara li għamilna l-proċess kollu neċessarju ittowjajna karozza u l-Kunsill irċievi ittra mingħand l-Avukat ta' sid il-vettura. Huwa kompla jispjega illi hu spjegalu illi jekk sid il-vettura jiskrepja l-vettura hu allura ma jkun irid jħallas xejn ħlief tat-*towing*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f' Kunsill Lokali oħra l-Puluzija jittowjaw il-karozzi u mhux il-Kunsill, għalkemm il-liġi tati s-setgħa lit-tnejn.

Is-Sindku qal illi meta kien tkellem mas-Supretendent qallu li l-karozzi jistgħu jittowjahom il-Kunsilli Lokali għaliex il-Kunsill għandhom saħħa daqshom u fil-pre#ent m'għgandhomx post fejn jistorjaw vetturi. Spjega li din trid issir bi proċedura fejn jitwaħħlu avvi#i kif ukoll tibtgħat notifika permezz tal-gazzetta tal-Gvern.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa x'jiġri fuq iċ-ċitazzjonijiet pendenti li jkun hemm fuq il-vettura.

Is-Sindku spjega illi ċ-ċitazzjonijiet jibqgħu pendenti fuq il-persuna u kif jmur biex jixtri jirreġistra oħra jkun jrid jħallashom qabel ma jirreġistra l-ġdida.

**3.7.13** **Minuti tal-laqgħa mas-Sur Sandro Chetcuti:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi waqt il-laqgħa iddiskutew il-ħtieġa li hemm bżonn fil-lokal u ġibdet l-attenzjoni illi waqt il-laqgħa s-Sur Chetcuti kien qal illi jekk ser nibqgħu b'dawn il-problemi fil-lokali r-residenti tal-villel mhux ser jkollom alternattiva ħlief li japplikaw DNO sabiex il-villa *area* tinbidel biex jkunu jistgħu jtellgħu blokkok tal-appartamenti.

Il-Kunsill qabel li jiġu emendati l-minuti.

**3.7.14** **Swimming Zones fil-Bajja ta' San Tumas:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet biex issir *swimming zone* quddiem il-bajja ta' quddiem iz-Zion minħabba li l-bajja tkun frekwentata minn ħafna nies.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**3.7.15** **Dog Beach fi Triq is-Salini:**

Il-Viċi Sindku qalet li qed tikkomunika sabiex parti minn Triq is-Salini issir *dog friendly*. Hija kompliet tgħid illi irridu napplikaw u ser tgħaddi l-informazjoni biex inkunu nistgħu napplikaw.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**3.7.16** **Linji Sofor fi Triq il-Batterija taż-Żonqor:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina janice Falzon qalet li hemm xi linji sofor quddiem garaxxijiet li issa qed jintużaw bħala residenzi u allura jridu jinżebgħu bojod.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fejn qedgħin eżatt għaliex fuq ir-ritratt ma jidrhux sew.

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri jiltaqu u jmorru fuq il-post flimkien.

**3.7.17** **Un/loading quddiem E Convenience Triq id-Dolmen:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li hemm resident li qed jilmenta li għandu din l-*un/loading* quddiem ir-residenza tiegħu u qed jkollom ħafna nkonvenjent.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu TMalta biex *un/loading* titressaq quddiem il-ħanut.

**3.7.18** **<u>Ħajt imwaqqa fi Triq il-Blajjiet:</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hemm ħajt imwaqqa fi Triq il-Bajjiet mit-telgħa ta' ħdejn il-Luzzu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-ħajt huwa ta' propjeta privata.

**3.7.19** **<u>Boundary Wall Triq is-Sdieri:</u>**

Is-Sindku qal li tkellem mas-sid tal-art fejn ser tindema l-Universita Amerikana minħabba ċint inwaqqa li hemm fi Triq is-Sdieri sabiex jirranġah. Huwa qal illi sid l-art qallu li ser jirrenġah u qallu li jrid li jtella *boundary wall* madwar il-propjeta kollha. Huwa kompla jgħid li nfurmah illi ser jitkellem mal-Kunsilliera waqt il-laqgħa tal-Kunsill u qallu ukoll illi jħalli aċċess għal bdiewa u anke jħalli lis-sidien jpoġġu il-karrijiet ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-Prim Ministru kien qal illi jekk ma jkunx hemm studenti f'Bormla l-binja tal-universita ma ssirx.

Is-Sindku qal ukoll li minkejja li jaqbel ma John xorta waħda naħseb li dement li hemm kuntratt ma nafx kemm tista izzommhom. Almenu ċint #għir u wire netting. Biex nimxu fuq dak li qal l-Onor Prim Ministru li nistgħu n#ommu #gur li ma jidħolx makkinarju jew jibda xi xogħol tal-kostruzzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-iżviluppaturi għandhom kuntratt mal-Gvern.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ma jaqbilx li jinbena ċ-ċint.

Is-Sindku qal li ser jiltaqa mal-iżvilupatturi fuq is-sit u jwassal il-messaġġ.

**3.7.20** **<u>Fish Hawker fi Triq ix-Xatt:</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon talbet biex il-*fish hawker* li hemm fi triq ix-Xatt talbet biex tersaq minn fejn togħod is-soltu minħabba li fix-xitwa jitla l-ilma baħar.

Is-Sindku qal illi l-fish hawker marret hemm peress li kien hemm intejjen insapportabbli fejn l-iskips fejn xi ħadd responsabbli kien tefa xi kelb mejjet.

**3.7.21** **<u>Laqgħa tal-lokalita:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skond il-liġi l-ġdida trid issir laqgħa tal-lokalita f'Settembru u oħra f'Diċembru.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ewwel laqgħa tal-lokalita issir il-Ġimgħa 20 ta' Settembru fis-6.00pm ġewwa l-Wasteserv.

**3.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

**3.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-lista ta' pagamenti flimkien mal-Petty cash għax-xahar ta' Lulju 2019.

3.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista ta' pagamenti b'urġenza:

a) Mario Mallia – Invoive no 156 għal white and ref ref sheet li jammonta għal €44.60
b) Road Maintenance Services Ltd – Inboivces 1632 għal Playingfield Zonqor li jammonta għal €10,641.54.
c) Community Workers scheme – invoice no 283/2019 għal Overtime Parks and Gardens li jammonta għal €282.50
d) JS Hardware Store – invoice S91965 għal Consumables li jammonta €29.07
e) Antonio Piscopo Co Ltd – invoice 40914767 għal inbid għal Jum il-lokal li jammonta €335.99
f) Mr. Antoine Bartolo – Extra works għat-tbattil ta' BIS fl-ewwel ġimgħa ta' Awissu 20419 li jammonta €236.00

***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**3.9 Mozzjonijiet:**

**3.9.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku (004 – 11/7/19):**

*"Jipproponi sabiex nitolbu lil TMalta sabiex il-blat li hemm fi Triq ta' Monita ħdejn il-grawnd tal-futboll jitneħħa u minflok jsir taraġ."*

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil Infrastructure Malta

**3.9.2 Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u ssekondata mil-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri (005 – 24/7/19):**

*"Jipproponi sabiex il-laqgħa tal-Kunsill tibda issir fl-ewwel ġimgħa tax-xahar kull Nhar ta' Erbgħa."*

Il-Kunsill qabel unanimament

**3.9.3 Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mil-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud (006 – 9/7/19):**

*"Jipproponi sabiex Triq il-Baħħara issir one way min-naħa tal-iskola tar-Russi".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir one way u għandna nitolbu għal TMalta

**3.9.4 Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mil-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud (007 – 12/8/19):**

"Jipproponi sabiex it-Triq min St Thomas Pizzeria sal-Munxar tingħata l-isem Xatt ta' San Tumas".

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.9.5 Mozzjoni mressqa mill- Viċi Sindku- is-Sinjorina Janice Falzon u ssekondata mil-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud (008 – 13/8/19):**

*"Tipproponi sabiex ngħaddu bye-law sabiex il-Kunsill ikun jista' jenforza fuq artijiet privati sabiex jinzammu indaf u mingħajr periklu".*

Il-Kunsill ma approvax din il-mozzjoni għaliex taqa taħt ir-responsabilta tas-Sanita`

**3.9.6** **<u>Mozzjoni mressqa mill- Viċi Sindku- is-Sinjorina Janice Falzon u ssekondata mil-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri (009 – 13/8/19):</u>**

*"Tipproponi li l-karrijiet mitluqa ta' periklu, żgumbrati fuq ċnagan u jokkupaw parkeġġi, speċifikament il-Bajja ta' San Tumas tittieħed azzjoni fuqhom".*

Din il-mozzjoni ġejja implementata fil-bye laws.

**3.9.7** **<u>Mozzjoni mressqa mill- Kunsillier- Dr. Patrick Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (010 – 13/8/19):</u>**

*"Jipproponi li teħel tabella tal-qanfud fi Triq il-Gemmugħa. Hemmhekk jaqsmu bosta qnifed".*

Il-Kunsill qabel unanimament

**3.9.8** **<u>Mozzjoni mressqa mill- Kunsillier- Dr Patrick Camilleri (011 – 13/8/19):</u>**

*"Jipproponi li jiżdiedu jew jitkabru l-bins max-xatt anke n-naħa tal-villel".*

Is-Sindku qal ill li hemm fil-preżent huma diġa kbar u l-bins qedgħin inżieduhom

**3.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 20 ta' Awwissu 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |